Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

7 ta' Awwissu 2018*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi bil-mutur – It-Tielet Direttiva 90/232/KEE – Artikolu 1 – Responsabbiltà fil-każ ta' danni fiżiċi kkawżati lill-passiġġieri kollha ħlief is-sewwieq – Assigurazzjoni obbligatorja – Effett dirett tad-direttivi – Obbligu li titħalla mhux applikata leġiżlazzjoni nazzjonali kuntrarja għal direttiva – Nuqqas ta' applikazzjoni ta' klawżola kuntrattwali kuntrarja għal direttiva"

Fil-Kawża C-122/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell, l-Irlanda), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Marzu 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Marzu 2017, fil-proċedura

**David Smith**

vs

**Patrick Meade,**

**Philip Meade,**

**FBD Insurance plc,**

**Ireland,**

**Attorney General,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, T. von Danwitz, J. L. da Cruz Vilaça, A. Rosas u J. Malenovský, Presidenti ta' Awla, E. Juhász, A. Borg Barthet, A. Arabadjiev (Relatur), A. Prechal, E. Jarašiūnas, K. Jürimäe u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: M.-A. Gaudissart, Assistent Reġistratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-5 ta' Frar 2018,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal FBD Insurance plc, minn M. Feeny, solicitor, F. X. Burke, advocate, F. Duggan, BL, J. O'Reilly, SC, J. Corcoran, advocate, u M. Collins, SC,

– għal Ireland, minn S. Purcell, bħala aġent, assistita minn C. Toland, SC, minn T. L. Power, BL, u minn H. Mohan, SC,

– għall-Gvern Franċiż, minn R. Coesme, bħala aġent,

– għall-Gvern Olandiż, minn M.K. Bulterman u M.H.S. Gijzen, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn K.-P. Wojcik u N. Yerrell, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-10 ta' April 2018,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk id-dritt tal-Unjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li, fil-kuntest ta' tilwima bejn individwi, qorti nazzjonali għandhiex tħalli mhux applikati dispożizzjonijiet nazzjonali kif ukoll klawżola kuntrattwali bbażata fuqhom li huma kuntrarji għall-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva tal-Kunsill 90/232/KEE tal-14 ta' Mejju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 249, iktar 'il quddiem it-"Tielet Direttiva").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn David Smith, minn naħa, u Patrick u Philip Meade, FBD Insurance plc (iktar 'il quddiem "FBD"), Ireland (l-Irlanda) u l-Attorney General, min-naħa l-oħra, dwar il-kumpens għad-dannu subit minn D. Smith wara inċident tat-traffiku kkawżat minn vettura misjuqa minn Patrick Meade, li hija proprjetà ta' Philip Meade u assigurata minn FBD.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Id-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU 2009, L 263, p. 11), ħassret id-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE tal-24 ta' April 1972 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar ta' l-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 10, iktar 'il quddiem "l-Ewwel Direttiva"), it-Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE tat-30 ta' Diċembru 1983 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 3, iktar 'il quddiem it-"Tieni Direttiva"), u t-Tielet Direttiva. Madankollu, fid-dawl ta' meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-direttivi mħassra.

4 Skont l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva:

"Kull Stat Membru għandu […] jieħu l-miżuri kollha approprjati biex jassigura li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju tiegħu ikun kopert minn assigurazzjoni. Il-limiti koperti tar-responsabbiltà u l-kondizzjonijiet tal-kopertura għandhom ikunu ddeterminati fuq il-bażi ta' dawn il-miżuri."

5 L-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva kien jistipula:

"Kull Stat Membru għandu jistabilixxi jew jawtorizza korp li jkollu d-dover li jipprovdi kumpens, mill-anqas sal-limiti ta' l-obbligu ta' l-assigurazzjoni għal ħsara lill-proprjetà jew korrimenti personali ikkaġunati minn vettura mhux identifikata jew minn vettura li l-obbligu ta' asigurazzjoni tagħha previst fil-paragrafu 1 ma jkunx ġie sodisfatt […]"

6 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva kien jipprevedi:

"[…] [L-]assigurazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 3(1) [tal-Ewwel Direttiva] għandha tkopri r-responsabbiltà għal korrimenti fuq il-persuna tal-passiġġieri, apparti minn għax-xufier, li joriġinaw mill-użu ta' vettura."

7 Fid-19 ta' April 2007, il-Qorti tal-Ġustizzja tat is-sentenza Farrell (C-356/05, EU:C:2007:229), li fiha hija ddeċidiet li l-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal-leġiżlazzjoni Irlandiża inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li l-assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur ma tkoprix ir-responsabbiltà għad-danni fiżiċi kkawżati lill-persuni li jivvjaġġaw f'parti ta' vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet iddiżinjata u lanqas mibnija b'siġġijiet għall-passiġġieri, li din id-dispożizzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ikollha effett dirett u li hija tikkonferixxi, konsegwentement, drittijiet li l-individwi jistgħu jinvokaw direttament quddiem il-qrati nazzjonali. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kien il-kompitu tal-qorti nazzjonali li tivverifika jekk l-imsemmija dispożizzjoni setgħetx tiġi invokata fil-konfront ta' korp bħal dak inkwistjoni fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza.

8 Fis-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2017, Farrell (C-413/15, EU:C:2017:745), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, essenzjalment, li l-individwi jistgħu jinvokaw l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva fil-konfront ta' korp li ngħata mill-Irlanda l-kompitu li jwettaq il-missjoni ta' interess pubbliku msemmija fl-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva u li, għal dan l-għan, għandu, bis-saħħa tal-liġi, setgħat eżorbitanti meta mqabbla ma' dawk li jirriżultaw mir-regoli applikabbli fir-relazzjonijiet bejn individwi.

### *Id-dritt Irlandiż*

9 L-Artikolu 56(1) tar-Road Traffic Act 1961 (il-Liġi tal-1961 dwar traffiku stradali), fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fiż-żmien meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-1961"), kien jipprevedi li sewwieq ma jistax isuq vettura bil-mutur fi triq pubblika mingħajr polza ta' assigurazzjoni approvata u valida li tkopri n-negliġenza fl-użu tal-vettura li toħloq obbligu li jitħallsu danni lil kwalunkwe persuna, bl-eċċezzjoni ta' persuna eskluża.

10 L-Artikolu 56(3) ta' din il-liġi kien jipprovdi li l-użu ta' vettura bi ksur tal-projbizzjoni li tinsab fl-Artikolu 56(1) jikkostitwixxi reat kriminali.

11 Skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-imsemmija liġi, hija "persuna eskluża", fis-sens tal-Artikolu 56(1) ta' din l-istess liġi:

"Kull persuna li titlob kumpens għal danni fiżiċi li hija sostniet waqt li kienet ġewwa jew fuq vettura bil-mutur (jew vettura rmunkata minn tali vettura) li d-dokument rilevanti jikkonċerna, minbarra vettura bil-mutur, vettura rmunkata jew vetturi li jifformaw kombinazzjoni ta' vetturi ta' klassi indikata għall-finijiet ta' dan il-paragrafu minn regolamenti adottati mill-Ministru, sa fejn l-imsemmija regolamenti ma jipprevedux assigurazzjoni obbligatorja għar-responsabbiltà ċivili li tkopri lill-passiġġieri għal:

i) kull parti ta' vettura bil-mutur, minbarra vetturi kbar ta' servizz pubbliku, sakemm din il-parti tal-vettura ma hijiex iddiżinjata u lanqas mibnija b'siġġijiet għall-passiġġieri, jew

ii) passiġġier bilqiegħda f'karavann irmunkat minn vettura bil-mutur waqt li din il-kombinazzjoni ta' vetturi tiġi misjuqa f'post pubbliku."

12 L-Artikolu 6 tar-Road Traffic (Compulsory Insurance) Regulations 1962 (ir-Regolament Ministerjali tal-1962 dwar l-assigurazzjoni obbligatorja fir-rigward tas-sewqan), fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fiż-żmien meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Ministerjali tal-1962"), kien jistipula:

"Il-vetturi li ġejjin huma indikati għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-[Artikolu 65(1)(a) tal-Liġi tal-1961]:

a) il-vetturi kollha, ħlief il-biċikletti b'mutur, iddiżinjati u mibnija b'siġġijiet għall-passiġġieri.

[...]"

## Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

13 Fid-19 ta' Ġunju 1999, D. Smith weġġa' b'mod gravi ħafna meta l-vann li fih kien qiegħed jivvjaġġa fuq wara, bħala passiġġier, ħabat ma' vettura oħra li kienet ukoll qiegħda tinsaq fi triq pubblika, viċin Tullyallen (l-Irlanda). Fil-mument tal-inċident, dan il-vann kien proprjetà ta' Philip Meade u kien misjuq minn Patrick Meade. L-imsemmi vann ma kienx armat b'siġġijiet fissi għall-passiġġieri li jivvjaġġaw fuq wara ta' din il-vettura.

14 Il-polza ta' assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur li kien issottoskriva għaliha Philip Meade mingħand FBD kienet valida fil-mument tal-inċident u kienet ġiet approvata konformement mal-leġiżlazzjoni Irlandiża applikabbli. Din il-polza kellha klawżola li kienet tipprevedi li l-assigurazzjoni tkopri biss lill-passiġġieri bilqiegħda fuq siġġu fiss fuq quddiem tal-vettura u kienet teskludi, konsegwentement, mill-kopertura lill-passiġġieri li jivvjaġġaw fuq wara tal-vann.

15 D. Smith ressaq lil Patrick u Philip Meade quddiem il-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) għal negliġenza u tort. Bil-kunsens tal-partijiet, dik il-qorti daħħlet fil-kawża lil FBD, lil Ireland u lill-Attorney General bħala konvenuti.

16 Wara li rċeviet in-notifika tat-talba għal kumpens ta' D. Smith, FBD, permezz ta' ittra tat-13 ta' Awwissu 2001, irrifjutat li tħallas, f'isem Philip Meade, kumpens għad-danni fiżiċi subiti minn D. Smith. Din il-kumpannija ta' assigurazzjoni invokat il-klawżola ta' esklużjoni li tinsab fil-polza ta' assigurazzjoni u sostniet li d-danni fiżiċi kkawżati lill-persuni li huma ttrasportati bħala passiġġieri f'parti ta' vettura li la ġiet iddiżinjata u lanqas mibnija b'siġġijiet għall-passiġġieri ma kinux koperti minn din il-polza.

17 F'sentenza tal-5 ta' Frar 2009, il-High Court (il-Qorti Għolja) qieset li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u b'mod partikolari mis-sentenza tat-13 ta' Novembru 1990, Marleasing (C-106/89, EU:C:1990:395), jirriżulta li l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi jeżiġi, f'dan il-każ, li tiġi mwarrba l-esklużjoni tal-kopertura ta' assigurazzjoni prevista fl-Artikolu 65 tal-Liġi tal-1961 f'dak li jirrigwarda d-danni fiżiċi kkawżati lill-persuni li jivvjaġġaw f'parti ta' vettura bil-mutur li la ġiet iddiżinjata u lanqas mibnija b'siġġijiet għall-passiġġieri. Permezz ta' dik is-sentenza u digriet tat-18 ta' Jannar 2010, il-High Court (il-Qorti Għolja), b'mod partikolari, iddikjarat nulla l-klawżola ta' esklużjoni fil-kuntratt ta' assigurazzjoni sottoskritt minn Philip Meade.

18 Fl-10 ta' Frar 2009, il-High Court (il-Qorti Għolja) approvat ftehim bonarju konkluż bejn FBD u D. Smith wara s-sentenza tal-5 ta' Frar 2009. Konformement ma' dan il-ftehim, FBD ħallset lil D. Smith is-somma ta' EUR 3 miljun. FBD għandha dritt ta' surroga f'dak li jirrigwarda dan il-ħlas.

19 Il-proċedura kontra, minn naħa, Philip u Patrick Meade u, min-naħa l-oħra, l-Ireland u l-Attorney General, ġiet aġġornata.

20 FBD appellat mis-sentenza u mid-digriet tal-High Court (il-Qorti Għolja) quddiem il-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell, l-Irlanda), billi argumentat li din l-ewwel qorti wettqet applikazzjoni ħażina tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Novembru 1990, Marleasing (C-106/89, EU:C:1990:395), u li dik is-sentenza u dak id-digriet għandhom l-effett li jagħtu lit-Tielet Direttiva forma ta' effett dirett orizzontali peress li FBD għandha l-kwalità ta' individwu. Din il-kumpannija ta' assigurazzjoni ppreċiżat, barra minn hekk, li jekk l-appell tagħha kellu jintlaqa', hija tfittex li tirkupra mill-Istat Irlandiż is-somma li hija ħallset lil D. Smith.

21 Il-qorti tar-rinviju tosserva li, fiż-żmien meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, il-persuni li kienu qegħdin jivvjaġġaw fil-vannijiet mingħajr siġġijiet fissi kienu "persuni esklużi" għall-finijiet tal-applikazzjoni kemm tal-Artikolu 65(1)(a)(i) tal-Liġi tal-1961, kif ukoll tar-Regolament Ministerjali tal-1962, u li ma kienx hemm obbligu legali li dawn jiġu assigurati taħt id-dritt Irlandiż. Dik il-qorti tippreċiża wkoll li s-sewwieqa li kellhom polza ta' assigurazzjoni approvata ma kienu qegħdin iwettqu l-ebda reat kriminali billi jsuqu vettura mingħajr ma jkunu koperti l-persuni li jivvjaġġaw fil-parti ta' wara ta' din il-vettura, mingħajr siġġijiet fissi.

22 Il-qorti tar-rinviju tirrileva barra minn hekk li, fil-kawża prinċipali, u b'differenza għall-kawża li tat lok għas-sentenza tad-19 ta' April 2007, Farrell (C-356/05, EU:C:2007:229), l-assiguratur, jiġifieri FBD, huwa organu privat.

23 Skont dik il-qorti, l-Artikolu 65(1)(a) tal-Liġi tal-1961 u l-Artikolu 6 tar-Regolament Ministerjali tal-1962 jeskludu espressament, mingħajr l-iċken ambigwità, mill-kopertura ta' assigurazzjoni obbligatorja għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi bil-mutur, il-każijiet, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fihom il-passiġġier jivvjaġġa f'parti mill-vettura bil-mutur li ma għandhiex siġġijiet fissi. L-imsemmija dispożizzjonijiet jikkorrispondu ma' għażla delibera ta' politika leġiżlattiva u ma jirriżultawx manifestament minn żball tal-leġiżlatur nazzjonali.

24 Il-qorti tar-rinviju tispeċifika li, għaldaqstant, ma huwiex possibbli li dawn l-istess dispożizzjonijiet jiġu interpretati b'mod li jkun kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Tielet Direttiva, peress li interpretazzjoni differenti mill-formulazzjoni ċara tagħhom, twassal biex tiġi adottata interpretazzjoni *contra legem*.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-obbligi li jaqgħu, skont id-dritt tal-Unjoni, fuq qorti nazzjonali, adita b'tilwima bejn individwi, meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli tkun manifestament inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' direttiva li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa kollha sabiex ikollhom effett dirett u meta jkun impossibbli li din il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi interpretata b'mod li jkun konformi ma' din id-direttiva.

26 F'dan ir-rigward, dik il-qorti tqis li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari mis-sentenza tad-19 ta' April 2016, DI (C-441/14, EU:C:2016:278), jirriżulta li, f'tali sitwazzjoni, il-qorti nazzjonali għandha tħalli mhux applikat id-dritt nazzjonali.

27 Il-qorti tar-rinviju tqis li għaldaqstant hija għandha tħalli mhux applikati l-Artikolu 65(1)(a) tal-Liġi tal-1961 u l-Artikolu 6 tar-Regolament Ministerjali tal-1962, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu esklużjoni mill-kopertura ta' assigurazzjoni dwar il-passiġġieri ta' vettura bil-mutur li ma jivvjaġġawx fuq siġġu fiss.

28 In-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dawn it-testi jkollha effett retroattiv. Minn dan ikun isegwi li l-polza ta' assigurazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jkollhiex tibqa' titqies bħala "polza approvata", fis-sens tal-Artikolu 56(1) tal-Liġi tal-1961. Skont il-qorti tar-rinviju, is-sewwieq u l-proprjetarju tal-vettura inkwistjoni fil-kawża prinċipali jkunu wettqu, f'dawn iċ-ċirkustanzi, teoretikament, reat kriminali, fejn tal-ewwel ikun saq din il-vettura fi triq pubblika mingħajr polza ta' assigurazzjoni approvata, u t-tieni billi ppermetta li l-imsemmija vettura tinstaq mingħajr ma tkun assigurata b'tali polza.

29 Il-qorti tar-rinviju tqis, madankollu, li, jekk il-klawżola ta' esklużjoni dwar il-passiġġieri ta' vettura bil-mutur li ma jivvjaġġawx fuq siġġu fiss kellha hija nfisha titneħħa mill-polza ta' assigurazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għar-raġuni li hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, din il-polza jerġa' jkollha awtomatikament l-istatus ta' polza approvata, fis-sens tal-Artikolu 56(1) tal-Liġi tal-1961, u l-problema tar-responsabbiltà kriminali ta' Patrick u Philip Meade tisparixxi. Dik il-qorti tistaqsi, f'dan il-kuntest, jekk mis-sentenzi tat-28 ta' Marzu 1996, Ruiz Bernáldez (C-129/94, EU:C:1996:143), tat-30 ta' Ġunju 2005, Candolin et (C-537/03, EU:C:2005:417), kif ukoll tad-19 ta' April 2016, DI (C-441/14, EU:C:2016:278), jirriżultax li l-imsemmija klawżola għandha hija stess tiġi mwarrba minħabba l-inkompatibbiltà tagħha mad-dritt tal-Unjoni.

30 Tqum madankollu l-kwistjoni dwar jekk in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' din il-klawżola ta' esklużjoni jwassalx, essenzjalment, biex jingħata lill-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva forma ta' effett dirett orizzontali.

31 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza, fl-aħħar nett, li l-kwistjoni dwar jekk hijiex obbligata tħalli mhux applikata l-klawżola ta' esklużjoni tal-polza ta' assigurazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma saritx mingħajr skop wara l-konklużjoni tal-ftehim bonarju fejn FBD u D. Smith. Skont dik il-qorti, jekk, f'dan il-każ, hija kellha tħalli mhux applikata din il-klawżola, minn dan jirriżulta li D. Smith aġixxa sew kontra Patrick u Philip Meade u li FBD kienet obbligata tikkumpensa lil dawn tal-aħħar. L-imsemmija qorti tqis li, jekk, min-naħa l-oħra, din l-istess klawżola ma kellhiex titħalla mhux applikata, FBD tkun tista' titlob lill-Istat Irlandiż għar-rimbors tas-somma li hija ħallset lil D. Smith skont il-ftehim bonarju.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Court of appeal (il-Qorti tal-Appell) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Meta:

a) id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali applikabbli jipprevedu esklużjoni mill-assigurazzjoni obbligatorja tal-karozzi fir-rigward tal-persuni li għalihom ma kinux ipprovduti siġġijiet fissi f'vettura motorizzata,

b) il-polza ta' assigurazzjoni applikabbli tipprevedi li l-garanzija hija limitata għall-passiġġieri li jivvjaġġaw f'siġġijiet fissi u li din il-polza kienet, fil-fatt, polza ta' assigurazzjoni approvata skont it-tifsira tad-dritt nazzjonali fil-mument tal-inċident,

c) id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli li jipprevedu tali esklużjoni tal-garanzija kienu diġà ġew meqjusa kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni f'deċiżjoni preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tad-19 ta' April 2007, Farrell, C-356/[05], EU:C:2007:229) u, għaldaqstant ma għandhomx jiġu applikati, u

d) il-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali ma tippermettix interpretazzjoni konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni,

b'hekk, fil-kuntest ta' tilwima bejn individwi u kumpannija ta' assigurazzjoni privata li tikkonċerna inċident b'karozza fl-1999, li rriżulta fil-korriment serju ta' passiġġier li ma kienx qed jivvjaġġa f'siġġu fiss, fejn, bil-kunsens tal-partijiet, il-qorti nazzjonali inkludiet lill-kumpannija ta' assigurazzjoni privata u lill-Istat bħala konvenuti, il-qorti nazzjonali li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali għandha wkoll l-obbligu li ma tapplikax il-klawżola ta' esklużjoni li tinsab fil-polza ta' assigurazzjoni tal-karozza jew li b'mod ieħor tipprekludi lill-assiguratur milli jinvoka l-klawżola ta' esklużjoni li kienet valida f'dak il-waqt, minkejja li l-persuna korruta setgħet tiġi kkumpensata direttament mill-kumpannija ta' assigurazzjoni fuq il-bażi ta' din il-polza? Sussidjarjament, tali riżultat jammonta, essenzjalment, għal forma ta' effett dirett orizzontali ta' direttiva fir-rigward ta' individwu li huwa pprojbit mid-dritt tal-Unjoni?"

33 Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Settembru 2017, l-Irlanda, bis-saħħa tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja tiltaqa' bħala Awla Manja.

**Fuq id-domanda preliminari**

34 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija l-kompetenza ta' din tal-aħħar li tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tgħinha tiddeċiedi l-kawża li hija adita biha. F'dan id-dawl, huwa obbligu, jekk ikun l-każ, tal-Qorti tal-Ġustizzja li tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu ġew sottomessi lilha. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu inkunsiderazzjoni regoli tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti nazzjonali ma tkunx għamlet riferiment għalihom fid-domanda tagħha (sentenzi tat-13 ta' Ottubru 2016, M. u S., C-303/15, EU:C:2016:771, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-31 ta' Mejju 2018, Zheng, C-190/17, EU:C:2018:357, punt 27).

35 F'dan ir-rigward, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-domanda preliminari hija bbażata fuq il-premessa li tipprovdi li, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari mis-sentenza tad-19 ta' April 2016, DI (C-441/14, EU:C:2016:278), jirriżulta li l-qorti tar-rinviju għandha, fil-kawża prinċipali, tħalli mhux applikati l-Artikolu 65(1)(a) tal-Liġi tal-1961 u l-Artikolu 6 tar-Regolament Ministerjali tal-1962, għar-raġuni, minn naħa, li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza tad-19 ta' April 2007, Farrell (C-356/05, EU:C:2007:229), li dawn id-dispożizzjonijiet huma kuntrarji għall-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva, li jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ikollu effett dirett, u, min-naħa l-oħra, li huwa impossibbli li tiġi żgurata interpretazzjoni konformi tal-imsemmija dispożizzjonijiet ħlief b'mod li jwassal għal interpretazzjoni *contra legem* tagħhom.

36 Sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, għandu jiġi eżaminat jekk id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 288 TFUE, għandux jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali, adita b'tilwima bejn individwi, li tinsab f'impossibbiltà li twettaq interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha b'mod li jkun konformi ma' direttiva, hijiex marbuta li tħalli mhux applikati d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha kif ukoll klawżola kuntrattwali kuntrarji għad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ikollhom effett dirett.

37 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, meta l-qrati nazzjonali jkollhom jiddeċiedu tilwima bejn individwi li fiha jidher li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni hija kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni, huwa l-kompitu ta' dawn il-qrati li jiżguraw il-protezzjoni legali għall-partijiet f'kawża li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u jiggarantixxu l-effett sħiħ tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punt 111; tad-19 ta' Jannar 2010, Kücükdeveci, C-555/07, EU:C:2010:21, punt 45, kif ukoll tad-19 ta' April 2016, DI, C-441/14, EU:C:2016:278, punt 29).

38 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod repetut li l-obbligu tal-Istati Membri, li jirriżulta minn direttiva, li jilħqu r-riżultat previst minnha kif ukoll id-dmir tagħhom li jadottaw il-miżuri ġenerali jew partikolari kollha li huma xierqa sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni ta' dan l-obbligu jorbot lill-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri, inklużi, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, l-awtoritajiet ġudizzjarji (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' April 1984, von Colson u Kamann, 14/83, EU:C:1984:153, punt 26; tad-19 ta' Jannar 2010, Kücükdeveci, C-555/07, EU:C:2010:21, punt 47, kif ukoll tad-19 ta' April 2016, DI, C-441/14, EU:C:2016:278, punt 30).

39 Minn dan isegwi li, meta japplikaw id-dritt nazzjonali, il-qrati nazzjonali mitluba sabiex jinterpretawh għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni r-regoli kollha ta' dan id-dritt u japplikaw il-metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minnu sabiex jinterpretawh, sakemm ikun possibbli, fid-dawl tat-test kif ukoll tal-għan tad-direttiva inkwistjoni sabiex jintlaħaq ir-riżultat stabbilit minnha u għalhekk ikunu konformi mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punti 113 u 114; tad-19 ta' Jannar 2010, Kücükdeveci, C-555/07, EU:C:2010:21, punt 48, kif ukoll tad-19 ta' April 2016, DI, C-441/14, EU:C:2016:278, punt 31).

40 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali għandu ċerti limiti. Għalhekk, l-obbligu għall-qorti nazzjonali li tirreferi għad-dritt tal-Unjoni meta tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tad-dritt intern huwa limitat mill-prinċipji ġenerali tad-dritt u ma jistax iservi ta' bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punt 25; tal-15 ta' Jannar 2014, Association de médiation sociale, C-176/12, EU:C:2014:2, punt 39, u tad-19 ta' April 2016, DI, C-441/14, EU:C:2016:278, punt 32).

41 F'dan ir-rigward, ċertament, il-kwistjoni dwar jekk dispożizzjoni nazzjonali, sa fejn din tkun kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni, għandhiex tibqa' mhux applikata tqum biss jekk ebda interpretazzjoni konformi ta' din id-dispożizzjoni ma tirriżulta li hija possibbli (sentenzi tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punt 23, u tal-10 ta' Ottubru 2013, Spedition Welter, C-306/12, EU:C:2013:650, punt 28).

42 Xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll b'mod stabbilit li direttiva ma tistax, minnha nfisha, toħloq obbligi għal individwu u għaldaqstant ma tistax tiġi invokata bħala tali kontrih (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 1986, Marshall, 152/84, EU:C:1986:84, punt 48; tal-14 ta' Lulju 1994, Faccini Dori, C-91/92, EU:C:1994:292, punt 20, kif ukoll tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punt 108). Fil-fatt, jekk l-invokabbiltà ta' dispożizzjoni ta' direttiva mhux trasposta jew trasposta b'mod skorrett, tiġi estiża għall-qasam tar-relazzjonijiet bejn l-individwi, dan iwassal sabiex jiġi rrikonoxxut li l-Unjoni Ewropea għandha s-setgħa li tistabbilixxi b'effett immedjat obbligi fuq l-individwi, meta fil-fatt l-Unjoni għandha din il-kompetenza biss fejn ingħatat is-setgħa li tadotta regolamenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Lulju 1994, Faccini Dori, C-91/92, EU:C:1994:292, punt 24).

43 Għaldaqstant, anki dispożizzjoni ċara, preċiża u inkondizzjonata ta' direttiva intiża sabiex tikkonferixxi drittijiet jew timponi obbligi fuq l-individwi ma tistax tiġi applikata bħala tali fil-kuntest ta' tilwima esklużivament bejn individwi (sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punt 109; tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punt 42, kif ukoll tal-15 ta' Jannar 2014, Association de médiation sociale, C-176/12, EU:C:2014:2, punt 36).

44 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet espressament li direttiva ma tistax tiġi invokata f'tilwima bejn individwi sabiex tiġi mwarrba l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru kuntrarja għal din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, OSA, C-351/12, EU:C:2014:110, punt 48).

45 Fil-fatt, il-qorti nazzjonali hija obbligata twarrab id-dispożizzjoni nazzjonali kuntrarja għal direttiva biss meta din tkun invokata fil-konfront ta' Stat Membru, ta' korpi ta' amministrazzjoni tiegħu, inklużi awtoritajiet deċentralizzati, jew organi u entitajiet li huma suġġetti għall-awtorità jew għall-kontroll tal-Istat jew li ngħataw il-kompitu minn Stat Membru li jwettqu missjoni ta' interess pubbliku u li, għal dan l-għan, għandhom setgħat eżorbitanti meta mqabbla ma' dawk li jirriżultaw mir-regoli applikabbli fir-relazzjonijiet bejn individwi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punti 40 u 41; tal-25 ta' Ġunju 2015, Indėlių ir investicijų draudimas u Nemaniūnas, C-671/13, EU:C:2015:418, punti 59 u 60, kif ukoll tal-10 ta' Ottubru 2017, Farrell, C-413/15, EU:C:2017:745, punti 32 sa 42).

46 Fir-rigward tas-sentenza tad-19 ta' April 2016, DI (C-441/14, EU:C:2016:278), li tagħmel riferiment għaliha l-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, fil-punti 35 sa 37 tagħha, li huwa l-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età, u mhux id-direttiva li tikkonkretizza dan il-prinċipju ġenerali fil-qasam ta' impjieg u ta' xogħol, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79), li jagħti lill-individwi dritt li jista' jiġi invokat bħala tali li jobbliga lill-qrati nazzjonali, anki fit-tilwim bejn individwi, li jwarrbu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali kuntrarji għal dan il-prinċipju meta jqisu li qegħdin fl-impossibbiltà li jiżguraw interpretazzjoni konformi ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

47 Insostenn ta' din l-interpretazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari rrilevat, fil-punt 22 tas-sentenza tad-19 ta' April 2016, DI (C-441/14, EU:C:2016:278), li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età jsib is-sors tiegħu f'diversi strumenti internazzjonali u fit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri u li, issa stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jitqies bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

48 Issa, is-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali hija distinta minn dik li wasslet għas-sentenza tad-19 ta' April 2016, DI (C-441/14, EU:C:2016:278), sa fejn, hekk kif irrilevaw il-Gvern Olandiż u l-Kummissjoni Ewropea, l-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva ma jistax jitqies bħala li jikkonkretizza prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

49 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li qorti nazzjonali, adita b'tilwima bejn individwi, li tinsab fl-impossibbiltà li twettaq interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha b'mod li jkun konformi ma' direttiva, ma hijiex marbuta, abbażi biss tad-dritt tal-Unjoni, li tħalli mhux applikati d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha kuntrarji għad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jipproduċu effett dirett u li testendi għaldaqstant l-invokabbiltà ta' dispożizzjoni ta' direttiva mhux trasposta jew trasposta b'mod skorrett għall-qasam tar-relazzjonijiet bejn l-individwi.

50 Din il-konklużjoni ma hijiex imminata mis-sentenzi tat-28 ta' Marzu 1996, Ruiz Bernáldez (C-129/94, EU:C:1996:143), kif ukoll tat-30 ta' Ġunju 2005, Candolin *et* (C-537/03, EU:C:2005:417), li tagħmel riferiment għalihom il-qorti tar-rinviju. Fil-fatt, f'dawn is-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni applikabbli mingħajr ma eżaminat il-kwistjoni tal-invokabbiltà ta' direttiva fil-konfront ta' individwu.

51 Il-konklużjoni inkluża fil-punt 49 ta' din is-sentenza lanqas ma hija mminata mis-sentenzi tat-30 ta' April 1996, CIA Security International (C-194/94, EU:C:1996:172), u tas-26 ta' Settembru 2000, Unilever (C-443/98, EU:C:2000:496), li tagħmel riferiment għalihom l-Irlanda.

52 Fil-fatt, fil-kawżi li wasslu għal dawn is-sentenzi, kien hemm inkwistjoni sitwazzjoni partikolari, jiġifieri dik tal-adozzjoni ta' regoli tekniċi nazzjonali bi ksur tal-obbligi proċedurali ta' notifika u ta' posponiment ta' adozzjoni, li jinsabu fid-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE tat-28 ta' Marzu 1983 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337).

53 F'tali sitwazzjoni partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, iddeċidiet li dawn ir-regoli tekniċi nazzjonali ma kinux applikabbli f'tilwima bejn individwi għar-raġuni li n-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva 83/189 kien jikkostitwixxi "difett proċedurali sostanzjali" li vvizzja l-adozzjoni tal-imsemmija regoli mill-Istat Membru kkonċernat u li l-imsemmija direttiva, li la toħloq drittijiet u lanqas obbligi għall-individwi, ma kinitx tiddefinixxi l-kontenut sostantiv tar-regola ta' dritt li abbażi tagħha l-qorti nazzjonali kellha tiddeċiedi t-tilwima pendenti quddiemha, b'mod li l-ġurisprudenza dwar l-assenza ta' invokabbiltà, bejn individwi, ta' direttiva mhux trasposta ma kinitx rilevanti f'sitwazzjoni bħal din (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' April 1996, CIA Security International, C-194/94, EU:C:1996:172, punt 48, kif ukoll tas-26 ta' Settembru 2000, Unilever, C-443/98, EU:C:2000:496, punti 44, 50 u 51).

54 Madankollu, il-kawża prinċipali ma hijiex ikkaratterizzata minn sitwazzjoni kif imsemmija fiż-żewġ punti preċedenti ta' din is-sentenza. Fil-fatt, l-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva, billi jipprevedi l-obbligu, għall-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili marbuta mal-użu tal-vettura inkwistjoni, li tkopri d-danni fiżiċi tal-passiġġieri kollha, bl-esklużjoni tas-sewwieq, li jirriżultaw minn dan l-użu, jistipula l-kontenut sostantiv ta' regola ta' dritt u, konsegwentement, jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ġurisprudenza dwar l-assenza ta' invokabbiltà, bejn individwi, ta' direttiva mhux trasposta jew trasposta b'mod skorrett.

55 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, għandu jiġi konkluż li, fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju, li tqis ruħha fl-impossibbiltà li tinterpreta l-Artikolu 65(1)(a) tal-Liġi tal-1961 u l-Artikolu 6 tar-Regolament Ministerjali tal-1962 f'sens konformi mal-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva, ma hijiex obbligata, sabiex tiddetermina jekk D. Smith kellux dritt jitlob mill-FBD il-kumpens għad-dannu sostnut minnu b'riżultat tal-inċident tat-traffiku li wassal għal din il-kawża, li tħalli mhux applikati, fuq il-bażi biss ta' din id-dispożizzjoni tat-Tielet Direttiva, dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali kif ukoll il-klawżola ta' esklużjoni li tinsab, konformement ma' dawn tal-aħħar, fil-kuntratt ta' assigurazzjoni sottoskritt minn Philip Meade, u li testendi għaldaqstant l-invokabbiltà ta' direttiva għall-qasam tar-relazzjonijiet bejn individwi.

56 Wara li dan ġie ppreċiżat, għandu jitfakkar li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-parti leża bin-nuqqas ta' konformità tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni jew il-persuna ssurrogata fid-drittijiet ta' din il-parti tista' madankollu tipprevalixxi ruħha mill-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428), sabiex tikseb mill-Istat Membru, skont il-każ, kumpens għad-dannu subit (ara, b'analoġija, is-sentenzi tad-19 ta' April 2007, Farrell, C-356/05, EU:C:2007:229, punt 43, u tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punt 43).

57 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, ir-risposta għad-domanda preliminari għandha tkun li:

– id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 288 TFUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali, adita b'tilwima bejn individwi, li tinsab fl-impossibbiltà li tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha kuntrarji għal dispożizzjoni ta' direttiva li tissodisfa l-kundizzjonijiet

kollha meħtieġa sabiex ikollha effett dirett, f'sens konformi ma' din id-dispożizzjoni tal-aħħar, ma hijiex obbligata, abbażi biss tad-dritt tal-Unjoni, li tħalli mhux applikati dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali kif ukoll klawżola li tinsab, konformement magħhom, f'kuntratt ta' assigurazzjoni, u li

– f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-parti leża bin-nuqqas ta' konformità tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni jew il-persuna ssurrogata fid-drittijiet ta' din il-parti tista' madankollu tipprevalixxi ruħha mill-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428), sabiex tikseb mill-Istat Membru, skont il-każ, kumpens għad-dannu subit.

**Fuq l-ispejjeż**

58 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 288 TFUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali, adita b'tilwima bejn individwi, li tinsab fl-impossibbiltà li tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha kuntrarji għal dispożizzjoni ta' direttiva li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ikollha effett dirett, f'sens konformi ma' din id-dispożizzjoni tal-aħħar, ma hijiex obbligata, abbażi biss tad-dritt tal-Unjoni, li tħalli mhux applikati dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali kif ukoll klawżola li tinsab, konformement magħhom, f'kuntratt ta' assigurazzjoni.**

**F'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-parti leża bin-nuqqas ta' konformità tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni jew il-persuna ssurrogata fid-drittijiet ta' din il-parti tista' madankollu tipprevalixxi ruħha mill-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428), sabiex tikseb mill-Istat Membru, skont il-każ, kumpens għad-dannu subit.**

Firem